Sensiela Studji Soċjali (*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

**Artiklu Numru 5**: **IT-TAGĦLIM TAL-ISTUDJI SOĊJALI FIL-ĦAMES SENA PRIMARJA**

L-iktar topik għal qalb it-tfal, l-għalliema u anke l-ġenituri tal-istudenti li jattendu l-Ħames Sena tal-Edukazzjoni Primarja, huwa dak dwar il-bliet il-qodma Maltin. Dawn huma l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella. Semmejt lill-ġenituri wkoll għax niltaqa' ma' bosta ġenituri li t-tfal tagħhom jattendu l-Ħames Sena tal-Primarja li jħobbu jgħaqqdu xi ħarġa nhar ta' Ħadd ma' żjara lil xi waħda minn dawn it-tlett ibliet.

Nibqgħu dejjem nemfasizzaw l-importanza tal-Miri ta' Tagħlim. Ħarsa lejn il-kapxin turina kemm huwa importanti li, barra li ngħallmu lit-tfal li, pereżempju, l-Imdina hija magħrufa bħala *Città Notabile,* u l-Birgu beda jissejjaħ *Città Vittoriosa* minn wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, u ċ-Ċittadella hija magħrufa wkoll bħal l-*Gran Castello*, importanti wkoll li nitkellmu dwar il-Miri ta' Tagħlim li nsibu f'sezzjoni 5.2 tas-sillabu uffiċjali tal-Primarja.

**Mira ta' Tagħlim 5.2 (Il-Ħames Sena Primarja)**:

- Ikollhom tagħrif dwar il-bliet il-qodma Maltin (L-Imdina, il-Birgu u ċ-Cittadella f'Għawdex);
- Ikunu jafu fuq l-postijiet ta' importanza storika li jinsabu f'dawn il-bliet
- Jifhmu l-pożizzjoni strateġika tagħhom fil-passat u l-importanza tagħhom matul iż-żmien
- Jifhmu dak li tbiddel u dak li baqa' l-istess f'dawn il-bliet
- Ikollhom esperjenza personali ta' xi waħda minn dawn l-ibliet u jipprovaw jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja tal-individwi f'dak iż-żmien

M'hemmx dubju li l-aħjar mod kif tgħallem lill-istudenti japprezzaw lill-bliet qodma Maltin huwa billi teħodhom fuq il-post biex jaraw, jiddiskutu u janalizzaw l-importanza tal-bliet il-qodma. Hawnhekk tidħol l-importanza tal-*fieldwork*, jiġifieri żjara edukattiva u xogħol fuq il-post stess. Matul il-fieldwork l-istudenti jkunu jistgħu:

- jaraw b'għajnejhom il-postijiet interessanti;
- jinnutaw dak li baqa' l-istess, pereżempju t-toroq dojoq, u jqabbluh ma' dak li nbidel, pereżempju l-ħwienet tas-suvenirs li ssib f'dawn l-ibliet;
- jidħlu fl-atmosfera u b'hekk jimmaġinaw aħjar kif setgħet kienet il-ħajja fil-Gżejjer Maltin fi żminijiet imbiegħda.



Meta nitkellmu dwar l-importanza tal-bliet qodma li nsibu fil-Gżejjer Maltin, jeħtieġ inżommu quddiem għajnejna li:

1. Dawn ilbliet jiffurmaw parti importanti mill-identità tagħna l-Maltin u għalhekk kull student għandu jitgħallem dwar l-importanza tagħhom;
2. Dawn il-bliet huma attrazzjoni turistika mill-aqwa; nistgħu ngħidu li mawra fil-Gżejjer Maltin ma tkunx kompluta mingħajr żjara li xi waħda minn dawn il-bliet. Dan kollu jgħin lill-ekonomija Maltija u għalhekk jaffettwa l-impieg ta' bosta Maltin u Għawdxin.





*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja
(għal iktar tagħrif dwar l-Istudji Soċjali idħol fil-blog: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt